**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/130/19/S

Graziella Callus
vs
Forestals Ltd

Illum 8 ta'Lulju,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Graziella Callus ipprezentata fit-30 ta'Settembru,2019 u r-risposta ta' Forestals Ltd ipprezentata fil-21 t'Ottubru,2019;

Ra d-dokumenti varji pprezentati inkluz ir-rapport tal-espert tekniku Mario Buttigieg u sema' lill-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda '*electric scooter*' li allegatament beda' jzid il-velocita wahdu u ma hadmux il-brejkijiet u r-rikorrenti wegggħet b'kawza li kellha taqbez minn fuqu;

Illi gjaladarba din il-pendenza hi materja teknika, tqabbad l-espert tekniku Mario Buttigieg ghal dan il-ghan biex jezamina l-imsemmi '*electric scooter*';

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"...*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-*

*Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova..."*;

Illi kif obbligat jaghmel u kif dejjem jaghmel meta jitqabbad espert tekniku, it-Tribunal gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero ma ra ebda lok li jiskartah anzi jaghmlu tieghu *in toto*;

Illi l-espert tekniku nominat minn dan it-Tribunal ikkonkluda hekk "*...li dan l-iscooter mhux tajjeb ghat-triq u dan peress li meta l-esponent ezamina l-imsemmi scooter irrizulta li meta jkun qed jigi operat minghajr ebda indikazzjoni jibda' jaccelera..."*[1]

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[2];

Illi fil-fatt il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "**Bugeja et vs Muscat**" qalet hekk:

"*...Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli..."*;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtur minn dan it-Tribunal;

Illi konsegwentement fic-cirkostanzi tal-kaz, dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi milqugha u dan ghar-ragunijiet imsemmija fir-rapport tal-imsemmi espert;

---

[1] Il-parti imsejha 'Konkluzjoni' tar-rapport imhejji mill-espert tekniku Mario Buttigieg.

[2] "**Cauchi vs Mercieca**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "**Calleja noe vs Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.

Illi t-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni li s-socjeta intimata mhijiex il-legittimu kuntradittur gjaladarba ma sarux provi in sostenn ta' din l-eccezzjoni;

Illi ghalkemm il-kawza kienet differita ghall-konkluzjoni tal-provi ghal darbtejn, ma tressqux provi daparti tas-socjeta intimata;

Illi ma saritx l-ahjar prova skont il-ligi dwar l-ircevuti medici pprezentati mir-rikorrenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' limitatament it-talba ta' Graziella Callus filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta Forestals Ltd, u Jordna lis-socjeta Forestals Ltd thallas lil Graziella Callus is-somma ta' €1000, inkwantu ghal €835 spejjez tal-*electric scooter* u batterija u l-kumplament bhala danni ghall-inkonvenjent soffert mir-rikorrenti, b'kull parti thallas l-ispejjez kollha relattivi ghal dawn il-proceduri filwaqt li l-ispejjez tal-espert tekniku u cioe €175, jithallsu ukoll mis-socjeta Forestals Ltd lil Graziella Callus.

Richard Sladden Av.
Arbitru